# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 14 TA' OTTUBRU, 1996

Avv Nru.314/96

Perit Renato u Mary Rose konjugi Laferla

vs

Forestals (Appliances) Ltd.

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 1996, fejn premess:

i. illi fis-16 ta' Frar, 1995, l-atturi kienu xtraw minghand is-socjeta' konvenuta "refrigerator" (IAR Fr/Frz Model KB 2027/1) ghall-prezz ta' Lm225; u li

ii. Wara xi erba xhur irrizulta illi t-termostat ma baqax jahdem kif suppost u b'hekk l-"appliance" ma bdietx tintefa', u oltre dan l-"appliance" lanqas ma baqghet tkessah kif mixtieq; u

iii. Wara li l-atturi gibdu l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta rigward il-problema, ntbaghat "technician" li barra li thallas is-somma ta' seba' Liri Maltin (Lm7.00), informa lill-atturi li sabiex l-a"appliance' tahdem kif suppost, l-atturi kellhom jipprovdu "ventilation"; u l-atturi sussegwentement ghamlu dan il-"ventilation" a spejjez taghhom u nefqu s-somma ta' hmistax il-Lira Maltin (Lm15.00), minghajr rizultat soddisfacenti;

TALBU il-hlas minghand is-socjeta' konvenuta ta' Tnejn u ghoxrin Lira Maltija, (Lm22.00), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma ppresentatx risposta fir-rigward, pero' deher Dr. John Cassar ghas-socjeta' konvenuta li kkontesta t-talba;

Ra' d-degriet tat-22 ta' Lulju, 1996, u degriet sussegwenti tal-25 ta' Lulju, 1996;

Semgha x-xhieda tal-Perit Renato Laferla u ta' David Tabone;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Jirrizulta mix-xhieda mismugha li l-fridge in kwistjoni nxtrat mill-atturi fi Frar tal-1995. Xi hames xhur wara, ghall-habta ta' Gunju, kien mar technician tad-ditta konvenuta biex jivverifika fuq ilment li din il-fridge ma kienetx qed tkessah bizzejjed.

Jidher, u t-Tribunal ma jarax l-ghala mghandux jaccetta dak li xehed l-attur fir-rigward, li dan it-technician qalilhom li m'hemmx "ventilation", u ghalhekk l-atturi nefqu Hmistax il-Lira biex jaghmlu l-"ventilation". Jirrizulta li l-problema ma kienetx il-"ventilation", izda li ma kienetx qed tkessah minhabba l-lampa.

Jirrizilta li s-socjeta' konvenuta kkooperat mal-atturi fis-sens li offriet lill-atturi li tibdlilhom l-fridge, ghalkemm infurmathom li ma kellhomx l-istess mudell, u inoltre t-technician mar xi tlett darbiet, ghalkemm is-sebgha Liri nzammu f'okkazzjoni wahda biss.

It-Tribunal kkunsidra wkoll il-fatt li l-garanzija ghall-labour kienet skadiet, ghax kienet ta' tlett xhur;

Jirrizulta li ghall xi raguni l-atturi ma kienux accettaw li jibdlu l-fridge;

It-Tribunal ikkunsidra li fil-kaz in ezami l-punt principali jirrigwarda l-parir skorrett moghti mit-technician tal-kumpanija, li ghalih ghandha tirrispondi l-kumpanija, u li minhabba fih l-atturi inkorrew inutilment l-ispejjez ta' hmistax il-lira maltija (Lm15.ØØ), ghall-ventilazzjoni.

Dwar is-sebgha Liri Maltin imhallsa bhala "service call", it-Tribunal ikkunsidra il-fatt li l-kumpanija baghtet lit-technician taghha tlett darbiet, biex jipprova jirrimedja; gie tenut in kunsiderazzjoni wkoll il-fatt li kien l-attur li m'accettax li jinbidillu l-fridge, haga li definittivament kienet telimina il-bzonn ta' tlett vizti. Ghalhekk it-Tribunal isib certa gustifikazzjoni dwar dik li hi s-"service charge", pero' mhux fl-interita' taghha. Ghalhekk it-Tribunal qed jilqa t-talba ghall-ammont dovut dwar is-"service call" fis-somma ta' Tlett Liri u hamsin centezmu, (Lm3.5Ø).

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa t-talba tal-atturi limitatament fis-somma ta' Tmintax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm18.5Ø), u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lil-atturi l-ammont ta' Tmintax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm18.5Ø), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din id-decizjoni.

Mehudin in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, specjalment l-bona volonta' da parti tas-socjeta' konvenuta biex tipprova tirrimedja l-affarijiet, it-Tribunal jiddeciedi li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati f'mod indaqs bejn il-partijiet.

Avv Joseph Refalo
Gudikatur

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.